MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Numru 302/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**CHRISTIAN FARRUGIA ta' 25 sena, iben Raymond u Josephine nee' Dimech, imwieled Tal-Pieta' nhar it-2 ta' April, 1985, residenti fil-fond Sacro Cuor, Triq l-Indipendenza, Zebbug (Malta), detentur tal-karta ta' l-identita' numru 198 185M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHRISTIAN FARRUGIA** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Settembru, 2005 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-imputat kellu jghaddi proceduri quddiem Qorti ta’ Gudikatura Kriminali dan taht il-Kapitolu 31 u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi prodotti, senjalament dik tal-pulizija li ntervjenew u sabu fil-garaxx ta’ l-imputat (id-dar ta’ ommu) u fil-vettura tieghu nstabet id-droga ecstasy u cannabis.

Rat l-istqarrija rilaxxata mill-imputat fejn ammetta li d-droga misjuba kienet kollha tieghu. Anzi spjega li l-ammont kollu tal-pilloli ecstasy kien xtrahom kollha f’daqqa ghalih, ghax kien sabhom prezz tajjeb.

Rat ukoll il-konkluzjonijiet tal-Ispizjar Mario Mifsud Dok MM dwar is-sustanza misjuba u cioe’ MDMA (ecstasy) u tetra hydrocannabinol (cannabis).

Illi fi stadju aktar avvanzat tal-proceduri odjerni, l-imputat ammetta l-akkuza biss ta’ pussess semplici, ghalhekk kienet kontestata l-akkuza tal-pussess aggravat.

Din il-Qorti anke laqghet it-talba biex jigi redatt Social Inquiry Report, li gie hekk prezentat bhala Dok MA, folio 68. Ezaminat ghalhekk bir-reqqa l-istess rapport u kkonstatat il-problemi li bihom hu afflitt l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti fil-fatt tista' ssib htija biss ta' pussess semplici tad-droga misjuba. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien qieghed jispacca d-droga msemmija. Illi ghalhekk fil-waqt illi qieghda tilliberah mill-ewwel akkuza taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda pero ssibu hati tat-tieni akkuza wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena, hadet in konsiderazzjoni dak li hemm fir-relazzjoni Dok MA, qieghda ghalhekk in kwantu ghall-piena, wara li rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(ii), tqis illi stante l-progress li ghamel l-imputat m'ghandux ibaghti piena karcerarja effettiva, ghalhekk qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tqieghed lil Christian Farrugia taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum, b'dan illi qieghda tahtar ghal dan l-iskop lill-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard, b'dan illi Christian Farrugia ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation kif ukoll isegwi kull direttiva lilu moghtija mill-Agenzija Sedqa, kif ukoll kull direttiva lilu moghtija mill-Psikjatra ghandu riferut.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil Christian Farrugia li jhallas l-ispejjez peritali fi zmien xahar (1) mill-lum ammontanti ghal €542.89.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------